II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1421/2013

tat-30 ta' Ottubru 2013

li jemenda l-Anness I, II u IV tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 3(2), 5(3) u 17(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 jistipula li l-lista ta' pajjiż eliġibbli għandha tiġi emendata biex jitqiesu tibdiliet fl-istatus internazzjonali jew fil-klassifikazzjoni ta' pajjiżi. Il-lista ta' pajjiżi eliġibbli hija stabbilita fl-Anness I għal dak ir-Regolament.

(2) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 jistabbilixxi l-kriterji għall-għoti tal-preferenzi tariffarji skont l-arranġament ġenerali tas-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (SPĠ). Skont it-tali kriterji, pajjiż li kien ikklassifikat mill-Bank Dinji bħala pajjiż bi dħul għoli jew bi dħul medju superjuri għal tliet snin konsekuttivi m'għandux jibbenefika mit-tali preferenzi. Il-lista tal-pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ġenerali tas-SPĠ hija stabbilita fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

(3) L-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 jistipula li pajjiż, li jkun identifikat min-Nazzjonijiet Uniti bħala pajjiż l-anqas żviluppat jibbenefika mill-preferenzi tariffarji taħt l-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppati (EBA — Kollox Barra l-Armi). Il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji EBA hija stabbilita fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament.

(4) Ir-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn' il quddiem il-Kroazja) saret membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013. Għalhekk, il-Kroazja titneħħa mill-Anness I.

(5) Ir-Repubblika tas-Sudan t'Isfel (minn hawn 'il quddiem is-Sudan t'Isfel) saret Stat indipendenti. Fl-14 ta' Lulju 2011 l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat ir-Riżoluzzjoni A/RES/65/308 li daħħlet is-Sudan t'Isfel bħala membru fin-Nazzjonijiet Uniti. Fit-18 ta' Diċembru 2012 l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat ir-Riżolużjoni A/RES/67/136 li żiedet lis-Sudan t'Isfel mal-lista tal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati. Għalhekk, is-Sudan ta' Isfel jiddaħħal fl-Anness I, l-Anness II u l-Anness IV.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 607/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 552/97 li jirtira temporanjament l-aċċess għal preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill-Mjanmar/Burma [2] ħassar it-tneħħija temporanja tal-aċċess tal-Mjanmar/Burma għat-tariffi preferenziarji tal-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi (SĠP). Għalhekk, il-Mjanmar/Burma għandha titneħħew mit-tabella fl-Anness I, li telenka l-"Pajjiżi eliġibbli għall-iskema msemmija fl-Artikolu 3 li ġew temporanjament irtirati mill-iskema, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi", mit-tabella tal-Anness II li telenka l-"Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) ġew temporanjament irtirati mill-iskema, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi" u mit-tabella tal-Anness IV li telenka l-"Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2) li ġew temporanjament irtirati mill-iskema, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi"

[1] ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.

[2] ĠU L 181, 29.6.2013, p. 13.

(7) Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (minn hawn' il quddiem "iċ-Ċina), ir-Repubblika tal-Ekwador (minn hawn' il quddiem l-Ekwador), ir-Repubblika tal-Maldivi (minn hawn 'l quddiem il-Maldivi) u r-Renju tat-Tajlandja (minn hawn' il quddiem it-Tajlandja) ġew klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul medju superjuri fl-2011, il-2012 u l-2013. Għaldaqstant, iċ-Ċina, l-Ekwador, il-Maldivi u t-Tajlandja għandhom jitneħħew mill-Anness II minnsena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1127/2010 [1] jistabbilixxi perijodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin għall-irtirar tal-Maldivi mill-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppati (Kollox barra armi (EBA)) u jistipula t-tneħħija tal-Maldivi mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji EBA mill-1 ta' Jannar 2014. Għalhekk, il-Maldivi għandhom jitneħħew mill-Anness IV.

(9) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament SĠP jistipula li l-pajjiż benefiċjarju tal-SĠP u l-operaturi ekonomiċi jkollhom żmien biżżejjed għall-adattament ordnat għall-bidla fl-istatus tal-pajjiż skont l-iskema. Dan il-perjodu għandu jkun indikat għal kull pajjiż benefiċjarju tal-SĠP ikkonċernat fl-Anness rispettiv tar-Regolament (UE) Nru 978/2012,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I jiġi sostitwit bit-test kif jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Annex II jiġi sostitwit bit-test kif jidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(3) L-Anness IV jiġi sostitwit bit-test kif jidher fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1127/2010 tat- 3 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi perjodu tranżitorju għat-tneħħija tar-Repubblika tal-Maldivi mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji mill-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill- 1 ta' Jannar 2009 sal- 31 ta' Diċembru 2011 (ĠU L 318, 4.12.2010, p. 15).

ANNESS I

"ANNESS I

Pajjiżi eliġibbli [1] għall-iskema msemmija fl-Artikolu 3

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B
AE	L-Emirati Għarab Magħquda
AF	L-Afganistan
AG	Antigwa u Barbuda
AL	L-Albanija
AM	L-Armenja
AO	L-Angola
AR	L-Arġentina
AZ	L-Ażerbajġan
BA	Il-Bosnja-Ħerzegovina
BB	Il-Barbados
BD	Il-Bangladexx
BF	Burkina Faso
BH	Il-Baħrejn
BI	Il-Burundi
BJ	Il-Benin
BN	Il-Brunej Darussalam
BO	Il-Bolivja
BR	Il-Brażil
BS	Il-Baħamas
BT	Il-Butan
BW	Il-Botswana
BY	Il-Belarus
BZ	Il-Beliże

[1] Din il-lista tinkludi pajjiżi li minħandhom setgħu kienu rtirati jew sospiżi preferenzi temporanjament. Irid ikun possibbli għall-Kummissjoni jew għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jipprovdu lista aġġornata.

A	B
CD	Il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika ta’
CF	Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana
CG	Il-Kongo
CI	Il-Côte d’Ivoire
CK	Il-Gżejjer Cook
CL	*Iċ-Ċilì*
CM	Il-Kamerun
CN	Iċ-Ċina, ir-Repubblika Popolari ta’
CO	Il-Kolombja
CR	Il-Kosta Rika
CU	Kuba
CV	Il-Kap Verde
DJ	Ġibuti
DM	Dominika
DO	Ir-Repubblika Dominikana
DZ	L-Alġerija
EC	L-Ekwador
EG	L-Eġittu
ER	L-Eritrea
ET	L-Etjopja
FJ	Fiġi
FM	Il-Mikroneżja, l-Istati Federati ta’
GA	Il-Gabon
GD	Grenada
GE	Il-Ġeorġja
GH	Il-Gana
GM	Il-Gambja
GN	Il-Ginea

A	B
GQ	Il-Ginea Ekwatorjali
GT	Il-Gwatemala
GW	Il-Ginea Bissaw
GY	Il-Gujana
HK	Ħong Kong
HN	Il-Ħonduras
HT	Ħaiti
ID	L-Indoneżja
IN	L-Indja
IQ	L-Iraq
IR	L-Iran
JM	Il-Ġamajka
JO	Il-Ġordan
KE	Il-Kenja
KG	Ir-Repubblika Kirgiża
KH	Il-Kambodja
KI	Il-Kiribati
KM	Il-Komoros
KN	St Kitts u Nevis
KW	Il-Kuwajt
KZ	Il-Kazakistan
LA	Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos
LB	Il-Libanu
LC	Santa Luċija
LK	Is-Sri Lanka
LR	Il-Liberja
LS	Il-Lesoto
LY	Il-Ġamaħirija Għarbija Libjana

A	B
MA	Il-Marokk
MD	Ir-Repubblika tal-Moldova
ME	Il-Montenegro
MG	Il-Madagaskar
MH	Il-Gżejjer Marshall
MK	Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja
ML	Il-Mali
MM	Burma/Mjanmar
MN	Il-Mongolja
MO	Il-Makaw
MR	Il-Mawritanja
MU	Il-Mawrizju
MV	Il-Maldive
MW	Il-Malawi
MX	Il-Messiku
MY	Il-Malasja
MZ	Il-Możambik
NA	In-Namibja
NE	In-Niġer
NG	In-Niġerja
NI	In-Nikaragwa
NP	In-Nepal
NR	Nauru
NU	Nju
OM	L-Oman
PA	Il-Panama
PE	Il-Perù
PG	Il-Papwa Ginea Ġdida

A	B
PH	Il-Filippini
PK	Il-Pakistan
PW	Il-Palaw
PY	Il-Paragwaj
QA	Il-Qatar
RU	Il-Federazzjoni Russa
RW	Ir-Rwanda
SA	L-Arabja Sawdija
SB	Il-Gżejjer Solomon
SC	Is-Seychelles
SD	Is-Sudan
SL	Sjerra Leone
SN	Is-Senegal
SO	Is-Somalja
SR	Is-Surinam
SS	Is-Sudan t'Isfel
ST	Sao Tomé u Prinċipe
SV	El Salvador
SY	Ir-Repubblika Għarbija Sirjana
SZ	Is-Sważiland
TD	Iċ-Ċad
TG	It-Togo
TH	It-Tajlandja
TJ	It-Taġikistan
TL	Timor Leste
TM	It-Turkmenistan
TN	It-Tuneżija
TO	It-Tonga

A	B
TT	Trinidad u Tobago
TV	It-Tuvalu
TZ	It-Tanzanija
UA	L-Ukraina
UG	L-Uganda
UY	L-Urugwaj
UZ	L-Uzbekistan
VC	St Vincent u l-Grenadini
VE	Il-Venezwela
VN	Il-Vjetnam
VU	Il-Vanwatu
WS	Is-Samoa
XK	Il-Kosovo ([1])
XS	Is-Serbja
YE	Il-Jemen
ZA	L-Afrika t'Isfel
ZM	Iż-Żambja
ZW	Iż-Żimbabwe

([1]) Din id-dežinjazzjoni hi mingħajr preġudizzjoni għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mar-riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU 1244(1999) u l-Opinjoni tal-Ġustizzja Internazzjonali dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Pajjiżi eliġibbli għall-iskema msemmija fl-Artikolu 3 li ġew temporanjament irtirati mill-iskema, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B
BY	Il-Belarus"

ANNESS II

"ANNESS II

Pajjiżi benefiċjarji [1] **tal-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2)**

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B
AF	L-Afganistan
AM	L-Armenja
AO	L-Angola
BD	Il-Bangladexx
BF	Il-Burkina Faso
BI	Il-Burundi
BJ	Il-Benin
BO	Il-Bolivja
BT	Il-Butan
CD	Il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika ta'
CF	Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana
CG	Il-Kongo
CK	*Il-Gżejjer Cook*
CN	Iċ-Ċina, or-Repubblika Popolari ta'
CO	Il-Kolombja
CR	*Il-Kosta Rika*
CV	Il-Kap Verde
DJ	Ġibuti
EC	L-Ekwador (*)
ER	L-Eritrea
ET	L-Etjopja

[1] Din il-lista tinkludi pajjiżi li mingħandhom setgħu kienu rtirati jew sospiżi preferenzi temporanjament. Irid ikun possibbli għall-Kummissjoni jew għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jipprovdu lista aġġornata.

A	B
FM	Il-Mikroneżja, l-Istati Federati ta'
GE	Il-Ġeorġja
GM	Il-Gambja
GN	Il-Ginea
GQ	Il-Ginea Ekwatorjali
GT	Il-Gwatemala
GW	Il-Ginea Bissaw
HN	Il-Ħonduras
HT	Ħaiti
ID	L-Indoneżja
IN	L-Indja
IQ	L-Iraq
KG	Ir-Repubblika Kirgiża
KH	Il-Kambodja
KI	Il-Kiribati
KM	Il-Komoros
LA	Ir-Repubblika Popolari Demokratika tal-Laos
LK	Is-Sri Lanka
LR	Il-Liberja
LS	Il-Lesoto
MG	Il-Madagaskar
MH	Il-Gżejjer Marshall
ML	Il-Mali
MM	Burma/Mjanmar
MN	Il-Mongolja
MR	Il-Mawritanja
MV	Il-Maldive (*)

A	B
MW	Il-Malawi
MZ	Il-Możambik
NE	In-Niġer
NG	In-Niġerja
NI	In-Nikaragwa
NP	In-Nepal
NR	Nauru
NU	*Nju*
PA	*Il-Panama*
PE	Il-Peru
PH	Il-Filippini
PK	Il-Pakistan
PY	Il-Paragwaj
RW	Ir-Rwanda
SB	Il-Gżejjer Solomon
SD	Is-Sudan
SL	Sjerra Leone
SN	Is-Senegal
SO	Is-Somalja
SS	Is-Sudan t'Isfel
ST	Sao Tomé u Prinċipe
SV	El Salvador
SY	Ir-Repubblika Għarbija Sirjana
TD	Iċ-Ċad
TG	It-Togo
TH	It-Tajlandja (*)
TJ	It-Taġikistan
TL	Timor Leste

A	B
TM	It-Turkmenistan
TO	Tonga
TV	Tuvalu
TZ	It-Tanzanija
UA	L-Ukraina
UG	L-Uganda
UZ	L-Uzbekistan
VN	Il-Vjetnam
VU	Il-Vanwatu
WS	Is-Samoa
YE	Il-Jemen
ZM	Iż-Żambja

(*) Dan il-pajjiż benefiċjarju għandu jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament

Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) li ġew irtirati temporanjament minn dan l-arranġament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B"

ANNESS III

"ANNESS IV

Pajjiżi benefiċjarji [1] **tal-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2)**

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B
AF	L-Afganistan
AO	L-Angola
BD	Il-Bangladexx
BF	Il-Burkina Faso
BI	Il-Burundi
BJ	Il-Benin
BT	Il-Butan
CD	Il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika ta'
CF	Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana
DJ	Ġibuti
ER	L-Eritrea
ET	L-Etjopja
GM	Il-Gambja
GN	Il-Ginea
GQ	Il-Ginea Ekwatorjali
GW	Il-Ginea Bissaw
HT	Ħaiti
KH	Il-Kambodja
KI	Il-Kiribati
KM	Il-Gżejjer Komoros (Gżejjer)

[1] Din il-lista tinkludi pajjiżi li minħandhom setgħu kienu rtirati jew sospiżi preferenzi temporanjament. Il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż konċernat ser ikunu jistgħu jipprovdu lista aġġornata.

A	B
LA	Laos (Ir-Repubblika Demokratika Popolari ta')
LR	Il-Liberja
LS	Il-Lesoto
MG	Il-Madagaskar
ML	Mali
MM	Burma/Mjanmar
MR	Il-Mawritanja
MW	Il-Malawi
MZ	Il-Możambik
NE	In-Niġer
NP	In-Nepal
RW	Ir-Rwanda
SB	Il-Gżejjer Solomon
SD	Is-Sudan
SL	Sjerra Leone
SN	Is-Senegal
SO	Is-Somalja
SS	Is-Sudan t'Isfel
ST	Sao Tome u Principle
TD	Iċ-Ċad
TG	It-Togo
TL	Timor Leste
TV	Tuvalu
TZ	It-Tanzanija (Ir-Repubblika ta')
UG	L-Uganda
VU	Il-Vanwatu
WS	Is-Samoa
YE	Il-Jemen
ZM	Iż-Żambja

Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2) li kienu rtirati temporanjament minn dan l-arranġament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B"